Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23

Il-Ġimgħa 24 ta' April 2026

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.11pm

**23.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

23.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

23.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tnejn u Għoxrin Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

23.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**23.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

23.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li bħalissa Infrastructure malta barra Mdina Gate għaddejjin b'xogħolijiet ta ' tħaffir ta *pivot holes* biex jiċċekkjaw il-livelli tat-triq biex aktar il-quddiem isiru xogholijiet tal-livelli tat-triq f'dawk l-inħawi.

23.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li l-handyman tal- Kunsill qed jagħaddi xi *wiring* tad-dawl fejn Ġnien il-Foss għal cctv cameras li jinsabu fil-Foss.

**23.4 Howard Gardens- Proġett ta' Tisbieh u Manutenzjoni.**

23.4.1 Is- Sindku poġġa u pprezenta fuq il-mejda tal-kamra email mibgħuta mill-Uffiċċju ta' L-Affarijiet Barranin u Turizmu rigward il-proposta mressqa mis- Sindku waqt laqgħa li kellu mal-Ministru, l-Onor. Ian Borg fejn iddiskutew l-possibilita' li jsir ir-riġenerazzjoni u manutenzjoni ta' Howard Gardens fejn din il-proposta ġiet mresqa quddiem il-kumitat ta' Tourism Projects Advisory Committee. Din il-proposta ntlaqgħet tajba ħafna u talbu lil Kunsill li jipprovdi set ta' BOQ's b'rabta ma' dan il-għan.

23.4.1.1 Is- Sindku għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-perit tal-Kunsill jibda jipprepara dawn il-BOQ's. Il-Kunsill approva unanimament.

**23.5 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

23.5.1 Animal Welfare- Skema ta' support. Il-Kunsill ha nota.

23.5.2 Regjun Punent- Skema Lokalitajiet Aktar Nodfa-Sħubija mar- Reġjun. Din is-sena, il-Kunsill mhux ser jipparteċipa.

## 23.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

23.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 24 ta' April 2026 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 20,599.99

22.6.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

## 23.7 Tmiem tal- Laqgħa

23.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 15.52 pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Mejju 2026 fit-3pm.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___18 ta' Mejju 2026__